# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 892/2021 JVC**

**Joe Decelis Maksyuta (KI 48683M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Joe Decelis Maksyuta kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

**1.** 'Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala **Dok A**, ir-rikorrent huwa reġistrat bl-isem ta' Joe Decelis.

**2.** Illi r-rikorrenti żżewweġ lil Liudmila Maksyuta nhar il-11 t'Ottubru 2019, ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok B**.

**3.** Illi r-rikorrenti u martu għandhom żewġt itfal u ċioe' Gleb Maksyuta li twieled fit-23 ta' Ġunju 2006 u Anastasia Maksyuta li twieledet fil-12 ta' Novembru 2013, ċertifikati tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala **Dok Ċ** u **Dok D** rispettivament.

**4.** Illi meta twieled it-tifel, l-omm ġiet mitluba tipprovdi isem il-missier u dak iż-żmien hija iddeċidiet li ma ssemmix isem ir-rikorrenti u dan peress li bejniethom ma kienx hemm relazzjoni stabbli. Illi skont il-liġi Russa, it-tfal irid ikollhom bil-fors isem ta' missier u jekk dan ma jkunx magħruf, l-omm għandha tagħżel isem fittizju. Illi f'dan il-każ, il-mara għażlet l-isem ta' Igorevich. Illi qed tiġi preżentata kopja legali ta' estratt mill-liġi Russa hawn annessa u mmarkata bħala **Dok E**.

**5.** Illi fit-2013, twieledet il-minuri Anastasia Maksyuta u peress li t-tfal kienu aħwa, l-omm żammet l-istess isem anki meta twieldet it-tifla u ċioe' l-isem fittizju Igorevich.

**6.** Illi skont il-liġi Russa jekk jinstab il-missier naturali, dan irid jippreżenta ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu biex juri li huwa jismu verament Igorevich. Illi jekk il-missier naturali ma jkunx jismu Igorevich iżda jirnexxilu jġib il-prova li huwa l-missier naturali, f'dak il-każ, issir korrezzjoni fuq iċ-ertifikat tat-twelid tat-tfal u t-tieni isem tagħhom jinbidel u jiġi

jikkorispondi għall-isem tal-missier naturali f'dan il-każ "Joeivich" stante li l-missier jismu Joe.

**7.** Illi r-rikorrenti ma jridx li t-tfal, li llum għandhom 15 il-sena u 7 snin rispettivament, jinbidlilhom it-tieni isem tagħhom għax din hija xi ħaġa sentimentali ħafna għall-poplu Russu. Illi b'mod speċjali t-tifel Gleb għandu l-ħbieb kollha jafuh bħala Igorevich u għalhekk tkun trawma kbira jekk jiġi sfurzat jibdel ismu. Illi fl-istess waqt l-isem 'Joe' ma jagħmilx sens fil-kultura Russa u jekk il-minuri jiġu sfurzati jadottaw isem ir-rikorrenti bħala t-tieni isem tagħhom, ibqa' ċert li jagħddu minn żufjett u bullying.

**8.** Illi dan is-sitwazzjoni qed tiżżiżulta f'sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti qatt ma jista jirrikonoxxi t-tfal ġewwa r-Russja.

**9.** Illi fil-preżent il-minuri għandhom żewġ passaporti; wieħed Maltu u wieħed Russu. Il-passaport Russu għadu juri l-isem Igorevich u dak Malti juri l-isem 'Decelis Maksyuta'. Illi meta jiġi biex jiġedded il-passaport Russu dan irid bilfors jikkorispondi ma l-ismijiet skont l-istat uffiċjali tal-minuri. Illi għalhekk fil-preżent hemm passaport Russu b'dettalji li ma jaqblux. Illi jien ma nixtieqx li jkun hemm problemi amministrattivi u jien ma nixtieqx lanqas li t-tfal jitilfu l-passaport Russu.

**10.** Għalhekk l-aħjar soluzzjoni hija li fl-iprem interess tal-minuri r-rikorrenti jibdel ismu minn Joe għal Igor, sabiex fuq iċ-ċertifikati tat-tfal ikun jikkorispondi ma 'Igorevich'.

**11.** Illi għal dan il-għan qed jiġi ppreżentat numru ta' dokumenti ossia affidavit tar-rikorrenti hawn annessi u

mmarkati bħala **Dok F**, u dokumenti oħra li jikkonfermaw li huwa persuna ta' kondotta tajba, hawn anness u mmarkat bħala **Dok G**, u job histry hawn anness u mmarkat bħala **Dok H**, rispettivament.

**12.** lli għalhekk ir-rikorrenti jixtieq jiprevalixxi ruħi mid-dritt li tagħti l-liġi taħt l-artikolu 253 et seq tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta illi jiġi reġistrat fl-att tat-twelid u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti bl-isem ta' Igor minflok Joe.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

**1.** Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistra fl-att ta' twelied tar-rikorrenti l-isem Igor minflok l-isem Joe u tordna illi l-istess isem Joe jiġi mħassar mill-att tat-twelid tar-rikorrenti u sabiex il-bdil jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili.

Bl-inġunzjoni tad-Direttur intimat għas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**2.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent, innumerat 486/1983, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata Dok. A, jirriżulta illi huwa

twieled f'Malta, fil-5 ta' Jannar 1983, lil Harold Decelis u lil Maria Dolores Decelis, u li ingħata l-ismijiet Joe, Carmelo, David. Mill-Att tat-Twelid jirriżulta wkoll li Joe huwa l-isem li bih għandu jissejjaħ. Dan mhuwiex ikkontestat, anzi huwa rikonoxxut mir-rikorrent innifsu;

**3.** Illi r-rikorrent pproċeda bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux għax huwa komunement magħruf bl-isem Igor, imma għax iżżewweġ Russa u għandu żewġt itfal li twieldu r-Russja, u fi kliemu, "l-isem 'Joe' ma jagħmilx sens fil-kultura Russa";

**4.** Illi mill-premessi tar-rikors promotur u mill-provi prodotti mir-rikorrent innifsu, jirriżulta illi t-talba tar-rikorrent la hija waħda biex ikun korrett żball fl-Att tat-Twelid tiegħu, u lanqas hija waħda sabiex fl-Att tat-Twelid tiegħu ikun inserit isem illi bih ir-rikorrent kien u huwa konsistentement imsejjaħ;

**5.** Illi għall-kuntrarju, mid-dokumentazzjoni pprovduta mir-rikorrent innifsu jirriżulta illi l-isem Igor m'huwa xejn għajr isem fittizju, li vvintat is-sieħba tiegħu Liudmila Maksyuta, li llum hija martu, meta twieldu uliedhom fir-Russja fl-2006 u fl-2013 u ddikjarathom bħala ulied ta' missier mhux magħruf. Konsegwentement, l-isem fittizju Igor llum huwa rifless fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' uliedha bħala patronymic name fil-forma 'Igorevich' u 'Igorevna';

**6.** Illi r-rikorrent jikkontendi illi jekk ismu ma jinbidilx għal Igor, huwa qatt m'hu se jkun jista' jirrikonoxxi lil uliedu fir-

Russja. Bid-dovut rispett, dan huwa kontradett mir-rikorrent innifsu, li fl-istess rikors ġuramentat promotur intavolat minnu ddikjara illi "jekk il-missier naturali ma jkunx jismu Igorevich iżda jirnexxilu jġib il-prova li huwa l-missier naturali, f'dak il-każ, issir korrezzjoni fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tfal u t-tieni isem tagħhom jinbidel u jiġi jikkorispondi għall-isem tal-missier naturali f'dan il-każ "Joeivich" stante li l-missier jismu Joe.";

**7.** Illi l-esponent jissottometti wkoll illi fattwalment, ir-rikorrent diġa' irrikonoxxa lil Gleb Igorevich u lil Anastasiia Igorevna bħala wliedu permezz tal-proċedura kkontemplata fl-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u li effettivament huwa jidher bħala l-missier tal-minuri fuq iċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom innumerati 5763/2006 u 5742/2013 rispettivament. Dan jirriżulta mill-estratti taċ-ċertifikati relattivi li jinsabu hawn annessi u mmarkati Dok. DRP 1 u Dok. DRP 2 rispettivament;

**8.** Illi filwaqt li d-Direttur intimat jifhem l-argumenti sentimentali li jipprova jagħmel ir-rikorrent, mill-banda l-oħra jirrileva illi l-ismijiet u l-kunjomijiet huma kwistjoni ta' ordni pubblika u mhux sempliċement kwistjoni personali;

**9.** Illi fiċ-ċirkostanzi, tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent iddikjara illi fil-ħajja ta' kuljum huwa konsistentement magħruf bħala Joe u mhux bħala Igor, l-esponent jissottometti illi t-talba attriċi ma tistax titqies bħala waħda li b'xi mod tinkwadra fil-parametri tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant huwa tal-umli fehma illi l-istess talba għandha tiġi miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti;

**10.** Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**11.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, certifikati, kondotta, job history, kontro-ezami, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-ligi esebita a fol. 31 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 17 ta' Frar, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrent Joe Decelis Maksyuta qieghed jitlob illi fl-att tat-twelid tieghu bin-numru progressiv 486 l-isem Joe jigi mibdul ghal dak ta' Igor.

Ir-rikorrent fl-affidavit tieghu a fol. 22 *et seq* tal-process jispjega li huwa jixtieq dan it-tibdil fl-isem sabiex ikun jaqbel mal-isem tal-missier indikat fuq ic-certifikat tat-twelid Russu tat-tfal tieghu. Isostni li fir-Russja bhala t-tieni isem tal-ulied jaghtu l-isem tal-

missier mizjud mal-kliem ‘evich’ f’kaz ta’ wild maskili u ‘evna’ f’kaz ta’ wild femminili. Ir-rikorrenti jispjega li r-raguni li fuq ic-certifikat tat-twelid russu tal-minuri wliedu gie ndikat l-isem ‘Igorevich’ u ‘Igorevna’ kien dak li fiz-zmien meta twieldu l-ulied hu u ommhom ma kinux f’relazzjoni stabbli u l-omm Liudmila Maksyuta ghazlet li taghmel isem fittizju bhala isem missier il-wild. Ir-rikorrenti jispjega li bazikament huwa ghandu l-opzjoni li jressaq prova li huwa verament il-missier naturali fejn f’dak il-kaz issir korrezzjoni fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tfal u t-tieni isem taghhom jinbidel u jsir ‘Joeivich’. Jghid ukoll li madanakollu ma jixtieqx jaghmel uzu minn din il-procedura billi l-ulied illum il-gurnata huma maghrufa bit-tieni isem ta’ Igorevich skont il-kaz. Ghalhekk qieghed iressaq din it-talba sabiex ismu Joe jigi mibdul ghal dak ta’ Igor.

Illi l-Qorti rat l-affidavit u semghet lir-rikorrent jixhed in kontro-ezami u setghet tinduna bil-genwinita’ tar-rikorrent li dak li qed jitlob huwa ghall-ahjar interess ta’ wliedu minuri. Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tinnutax li r-rikorrent Joe Decelis Maksyuta nnifsu fil-kontro-ezami tieghu fis-seduta tas-17 ta’ Frar, 2022 ikkonferma kemm il-darba li huwa maghruf bl-isem ta’ ‘Joe’ u mhux dak ta’ ‘Igor’.

Illi din il-Qorti kellha numru ta’ okkazzjonijiet precedenti fejn awtorizzat korrezzjonijiet fl-isem jew il-kunjom fl-ahjar interess tar-rikorrent jew tal-ulied minuri madankollu dejjem zammet quddiem ghajnejja li tissalvagwardja wkoll l-interess tat-terzi u l-pubbliku in generali b’tali mod li ma jinholoqx konfuzjoni anke meta jkun hemm bzonn li jsiru ricerki fuq individwu b’mod kemm jista’ jkun komplet. Fic-cirkostanzi prezenti ghalkemm din it-talba saret fl-isfond ta’ l-interess tal-minuri ulied ir-rikorrent, din il-Qorti mill-banda l-ohra ma tistax tinjora dak li tghid il-ligi u wkoll

l-interess tal-pubbliku ingenerali. Fid-dawl li r-rikorrent nniffsu kkonferma li huwa komunement maghruf bl-isem ta' 'Joe', jekk il-Qorti tawtorizza l-korrezzjoni fl-isem tkun qed taghti lok ghal konfuzjoni u l-kreazzjoni ta' identita doppja b'dan li dan zgur mhux fl-ahjar interess pubbliku. Ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost stante li dak li qed jitlob ir-rikorrent ma hu permess jew gustifikabbli taht l-ebda ligi tal-pajjiz, il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra hlief tichad it-talba rikorrenti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat u tichad it-talba tar-rikorrent fl-interezza taghha.

Bl-ispejjez kollha a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Marzu, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Marzu, 2022**